# Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti, LL.M., LL.D.

**Att tal-Akkuza Nru. 3/2018**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**Vs**

**Neville Abela**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 21, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att IV tal-2014 u talbet mizura kontra l-istess Neville Abela bis-segwenti premessi:

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Neville Abela detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 78486M, b'indirizz mhux maghruf;
2. Illi Neville Abela qatt m'ghamel kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation minkejja l-fatt li ntbaghatu tliet ittri b'appuntament, inkluz twissija fejn gie nfurmat li jekk jonqos milli jattendi kien ser isir rikors ta' denunzja;

3. Illi l-imsemmi naqas milli jinforma lill-Ufficjal tal-Probation b'tibdil tal-indirizz residenzjali;

Rat id-digriet taghha tat-8 t'Ottubru, 2018 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh u ordnat in-notifka tieghu lill-Neville Abela;

Semghet lill-Ufficcjal tal-Probation;

Semghet lix-xhieda u lid-denunzjat;

Rat l-atti kollha,

Ikkunsidrat:

1. Illi d-denunzjat Neville Abela tressaq quddiem din il-Qorti bis-segwenti Att ta' Akkuza:

Bejn il-31 ta' Mejju, 2018 u t-3 ta' Gunju, 2018 minn gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l-Skola, Marsa :

A. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, sar ghad-detriment ta' Bernardette Abela u / jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269 u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nhar it-3 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20.00hrs) gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l- Iskola, Marsa :

B. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u metaq ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura,

jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

C. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-1 t'Awissu, 2018, din il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u qieghditu that Ordni ta' Probation ghal tlett snin fit-termini tal-artikolu 7 u Ordni ta' Trattament dwar dipendenza mid-droga ai termini tal-artikolu 7(5)(a)

tal-Kap 446 kif ukoll li jhallas lill-Bernardette Abela s-somma ta' €2,300 fi zmien tlett snin skond l-artikolu 24 tal-Kap 446;

2. Illi minn dak li semghet il-Qorti l-Ufficcjal tal-Probation ghamlet diversi tentattivi sabiex tistabilixxi kuntatt mad-denunzjat u dan sabiex jithejja pjan ghar-riabilitazzjoni tieghu. Minkejja dan, huwa qed isib kull skuza biex ma jattendix ghall-laqghat u issa ukoll l-indirizz tieghu ma huwiex mgharuf wara li ma baqghax joqghod ghand ommu. Jirrizulta ukoll illi sahansitra omm id-denunzjat tfakkru fl-appuntament mal-Ufficcjal tal-Probation u xorta wahda ma jattendix. Mistoqsi minn dijn il-Qorti ghaliex jaghmel hekk spjega illi fl-ewwel appuntament ma kienx f'sikktu. U l-Qorti tista' tifhem xi jrid jghid b'din ir-risposta d-denunzjat;

3. Illi din il-Qorti mhix ser tkun sfiducjata li xi darba d-denunzjat jista' jirriabilita ruhu izda mill-komportament tieghu anke f'din l-Awla hi tal-fehma li ghalissa ma huwiex lest biex jiehu bis-serjeta l-opportunita' li inghatatlu bl-Ordni ta' Probation; qed ikun ta' periklu sahansitra anke ghal-familja tieghu u frankament qed jiehu post haddiehor li verament jixtieq li jibbenefika minn kull trattament li jista' jinghatalu;

4. Ghal dawn ir-ragunjiet din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkun revokata l-Ordni ta' Probation u tghaddi biex taghti lill-hati l-piena skond il-ligi;

5. Ghalhekk wara li rat l-artikoli 261(b)(c) u (e), 263, 267 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u Taqsima IV u VI, artikolu 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 u regolament 9 u 16 tal-1939 (Regolamenti dwar il-Kontroll intern tad-droga perikoluza) (GN292/1939) Reg 9 tal-LS 101.02, qed tikkundanna lid-denunzjat ghal-perjodu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin mil-lum.